MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2001

Citazzjoni Numru. 2665/2000/1

**Alisa MUSCAT sive Alisa MUSCAT STEVANOVIC**

**vs**

**BAM! Limited et.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta' Jannar, 2001, mill-Kumpannija BAM ! Limited et, li bih ir-rikorrenti talbu l-hrug ta' kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 4373/2000 mahrug fit-28 ta' Dicembru, 2000, fl-ismijiet premessi u dan ghar-ragunijiet imsemmijin fl-istess Rikors;

Rat it-Twegiba tal-intimata esekutanti mressqa fit-22 ta' Jannar, 2001, li biha opponiet ghat-talba tar-rikorrenti esekutanti;

Rat id-Degriet taghha kamerali tas-26 ta' Jannar, 2001;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors;

Rat id-Degriet taghha tal-1 ta' Marzu, 2001, li bih halliet-ir-Rikors ghall-proveediment kamerali definittiv;

Billi waqt li l-Qorti kienet ghaddejja bit-tfassil u konsiderazzjoni tad-Degriet imsemmi, ntalbet biex ma tippronuncjax ruhha billi lartijiet ki enu qeghdin ifittxu arranament bonarju bejniethom;

Billi b'Kontro-Mandat imressaq mill-intimata esekutanti fil-21 t'Awissu 2001 (Numru 2441/01) l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru ma baqax fis-ehh:

Il-Qorti qeghda tieqaf milli tibqa' tqis izjed it-talba tar-rikorrenti esekutanti billi l-mertu tar-Rikors taghhom huwa issa ezawrit.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------